MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' April, 2014

Rikors Ta Revoka Numru. 45/2014

Rebecca **TISCIO**

vs

Robert **TISCIO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq b'urġenza mill-eżekutat Roberto Tiscio fl-14 ta' Marzu, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li (i) tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ),(d), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'kull każ, tħassar f'parti minnu l-imsemmi Mandat safejn jolqot id-dħul tiegħu mill-impieg mal-kumpannija Methode Electronics Malta Limited; (iii) f'każ li l-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' l-ewwel talba, tnaqqas is-somma li dwarha nħareġ il-Mandat attakkat jew li l-ħarsien tal-pretensjoni kif hekk imnaqqsa ssir bl-għoti favur l-eżekutanta ta' ipoteka ġenerali jew speċjali fuq il-fond numru tlieta ittra "A" (3A), li jagħmel mill-binja magħrufa bħala "*Ħal Warda Residences*", fi Triq Ħal Warda, Ħ'Attard; (iv) tikkundanna lill-imsemmija intimata eżekutanti tħallsu penali kif maħsub fl-artikolu 836(8)(b)(ċ) u (d) tal-istess Kodiċi; u (v) f'każ li l-Qorti ma tilqax ir-raba' talba, torbot lill-eżekutanti msemmija biex tressaq garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-eżekutat jista' jġarrab bil-ħruġ tal-Mandat, u biex fil-każ li l-imsemmija intimata tonqos li tressaq il-garanzija fiż-żmien lilha mogħti, jitħassru l-effetti kollha tal-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutati;

Rat in-Nota mressqa mill-intimata eżekutanti fil-21 ta' Marzu, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin, laqgħet għat-talba tal-eżekutat billi qalet li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex it-talbiet tal-eżekutat imisshom jintlaqgħu u warrbet waħda waħda x-xiljiet li huwa għamel fil-konfront tagħha;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju jew, tal-anqas, li ma jkunx jgħodd għall-paga tiegħu. Minbarra dan, ir-rikorrent eżekutat qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimata eżekutanti biex tħallsu penali skond l-artikolu 836(8) u, f'każ li l-Qorti ma tilqax it-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat imsemmi, li l-istess eżekutanti tkun marbuta li tagħti garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A, u, f'każ li tonqos li tagħmel dan fiż-żmien mogħti lilha, tordna li l-Mandat jitħassar;

Illi mill-<u>fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni</u> jirriżulta li l-partijiet miżżewġin lil xulxin, imma ż-żwieġ tagħhom iltaqa' ma' ntopp. Qabel ma żżewġu huma resqu fuq att nutarili pubbliku f'Novembru tal-2006[1], li bih iddikjaraw li riedu li ż-żwieġ tagħhom ikun regolat mis-sistema tas-separazzjoni tal-beni. Il-partijiet għandhom tifla li għadha taħt l-eta';

Illi sa Frar tal-2014, il-partijiet kienu jgħixu flimkien f'appartament bin-numru tlieta ittra "A" (3A) li jagħmel minn korp ta' bini bl-isem ta' "*Ħal-Warda Residences*", fi Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, li nxtara mir-rikorrent eżekutat f'Jannar tal-2006[2], qabel ma l-istess partijiet kienu żżewġu;

Illi sa mill-bidu ta' Frar tal-2014, l-intimata eżekutanti marret tgħix għand il-ġenituri tagħha flimkien ma' bintha;

---
[1] Dok "RT1", f'paġġ. 7 – 8 tal-atti
[2] Dok "RT13", f'paġġ. 56 sa 74 tal-atti

Illi matul iż-żwieġ, l-intimata eżekutata kisbet xi ġid immobbli f'Ħ'Attard[3] u f'Tas-Sliema[4];

Illi kemm l-eżekutat u kif ukoll l-eżekutanti għandhom impieg;

Illi fl-10 ta' Marzu, 2014, l-intimata eżekutanti talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra r-rikorrent eżekutat għas-somma ta' sitta u disgħin elf euro (€ 96,000) liema somma, bħala kawżali tal-istess Mandat tirrappreżenta "ammont ikkalkolat ai fini ta' dan il-mandat bħala manteniment dovut lis-sekwestranta mis-sekwestrat għaliha u għall-bintha Rebecca Aurora għall-għaxar (10) snin li ġejjin kif ukoll in kawtela ta' sehem is-sekwestranti mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn żewġha ...". Il-Mandat inħareġ lil tmien (8) sekwestratarji, li sebgħa minnhom huma banek kummerċjali, filwaqt li s-sekwestratarja l-oħra hija l-kumpannija li magħha jaħdem l-eżekutat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, kif tajjeb tirrileva l-eżekutanti fin-Nota tagħha, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat, u wisq anqas tindaħal f'konsiderazzjonijiet li jistgħu jsiru biss minn qorti li għandha s-setgħa u l-kompetenza li tistħarreġ ħwejjeġ li jirrigwardaw aspetti marbuta maż-żwieġ u mal-ġid tal-miżżewġin u ħwejjeġ marbuta magħhom;

Illi l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti

[3] Dok "RT5", f'paġġ. 26 – 8 tal-atti
[4] Dok "RT4" f'paġġ. 13 sa 25 tal-atti

għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

Illi r-rikorrent eżekutat jibni t-talbiet tiegħu għat-tħassir tal-Mandat fuq erba' (4) kawżali:

A) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> [Art. 836(1)(ċ)]. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent eżekutat jgħid li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal-eżekutanti tinsab fil-fatt li matul iż-żwieġ hija kisbet ġid immobbli ta' valur li bihom hija tista' tmantni lilha nnifisha. Minbarra dan, jallega li hija ddaħħal somom konsistenti minn kirjiet ta' ġid ieħor[6] u mill-impieg tagħha jew investimenti li hija għamlet f'isimha;

Illi l-eżekutanti twarrab dan l-argument billi tgħid li l-ġid kollu miksub minnha tħallas mill-ġenituri tagħha u kull dħul minn xi kirjiet imur mill-ewwel għandhom u ma jinżammx minnha;

Illi dwar dan, il-Qorti ma tistax tagħmel ġudizzju f'dan l-istadju u dan ukoll għaliex l-ebda waħda mis-sottomissjonijiet tal-partijiet ma hija maħlufa. Il-Qorti sejra toqgħod biss minn dak li jidher mill-provi dokumentali;

Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[7]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li

[5] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[6] Dokti "RT6" u "RT7", f'paġġ. 29 sa 46 tal-atti
[7] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[8]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[9]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant[10];

Illi meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha li jduru mal-każ, wieħed isib li l-garanzija alternativa li l-eżekutat isemmi ma tissoddisfax il-ħtiġijiet tal-liġi għaliex il-ġid kollu li jsemmi ma huwiex ġid li għandu xi sehem fih huwa wkoll. Ladarba l-partijiet, qabel iż-żwieġ, qablu li bejniethom kellu jkun hemm is-sistema tal-firda tal-ġid (is-separazzjoni tal-beni), mela kulma kisbet l-intimata eżekutanti matul iż-żwieġ kisbitu għaliha u mhux ukoll għall-eżekutat żewġha u għalhekk hu ma jista' joffri xejn minn dak il-ġid bħala garanzija għall-pretensjonijiet ta' martu daqslikieku kien ġid tiegħu;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

B) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. L-eżekutat iressaq din il-kawżali fuq il-fatt li l-pretensjoni tal-eżekutanti hija mad-daqqa ta' għajn inġustifikata. Dan jgħidu għal dik il-parti tal-kawżali fil-Mandat li titkellem dwar it-tħaris tal-jeddijiet tal-intimata eżekutanti dwar sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Huwa jżid ma' din il-kawżali l-allegazzjoni li, matul iż-żmien qasir li huwa kien imsiefer, l-istess intimata ġarret kulma setgħet mid-dar taż-żwieġ, fosthom ġid personali u partikolari tiegħu;

---

[8] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[9] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[10] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd.***

Illi l-eżekutanti, min-naħa tagħha, twarrab dawn l-allegazzjonijiet billi tgħid li dak kollu li ħadet kien intefaq min missierha u kien tagħha stess;

Illi, bħalma ngħad qabel, il-Qorti mhijiex mistennija fi proċedura bħal din li tidħol fi stħarriġ dwar jekk huwiex tabilħaqq minnu li dak li għamlet l-intimata kienx dwar ħwejjiġha stess jew jekk ħaditx ġid tal-eżekutat. Dak li huwa essenzjali hu li tara jekk il-pretensjoni tal-eżekutanti treġix fid-dawl ta' provi indipendenti;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimati eżekutanti għandhomx bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslux biex "jillikwidaw" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnhom maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[11];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[12];

---

[11] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

[12] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, ladarba l-partijiet qabel iż-żwieġ eskludew espressament is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti, ma jista' jkun qatt li l-pretensjoni tal-eżekutanti dwar il-ħarsien ta' sehemha mill-istess komunjoni tkun raġuni tajba biex titlob il-ħruġ tal-Mandat. Mandat kawtelatorju ma jistax jitlob il-ħarsien ta' jedd li kien espressament eskluż;

Illi, min-naħa l-oħra, l-fatt waħdu li l-partijiet fiż-żwieġ stabilew bejniethom is-sistema tal-firda tal-ġid ma jfissirx li ntemm l-obbligu tal-ħlas tal-manteniment lejn xulxin u dan l-obbligu jibqa' jseħħ sakemm ma jiġrux iċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għat-twaqqif tiegħu[13];

Illi, b'żieda ma' dan, il-Qorti tara li d-dokumentazzjoni mressqa mill-partijiet taghti raġun għall-pretensjoni tal-eżekutanti safejn jirrigwarda t-talba għall-manteniment (ladarba l-eżekutat innifsu ressaq provi li juru li huwa, tajjeb jew ħażin, qiegħed diġa' jwettaq dan l-obbligu[14]) għalkemm dan ma jfissirx li din il-Qorti qiegħda taċċetta l-fatti jew fehmiet imsemmija f'dawk id-dokumenti bħala prova mistqarra, għaliex din imissha tintiżen biss waqt is-smigħ tal-kawża fil-mertu quddiem il-Qorti li waħedha għandha s-setgħa u l-kompetenza li tistħarreġ materja bħal dik;

Illi l-eżekutat jgħid ukoll li s-somma globali ta' manteniment pretiż mill-eżekutanti ma jistax jaqbeż l-ammont għal ħames (5) snin. Huwa jsejjes dan l-argument fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 752 tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti tifhem li l-imsemmi artikolu huwa maħsub, kif tgħid l-intimata fin-Nota tagħha, li jagħti "valur" lil azzjoni li titlob il-manteniment. Fil-każ tal-intimata, hija bdiet proċeduri għall-firda minn ma' żewġha l-eżekutat, u għalhekk dak l-artikolu ma jgħoddx. Minbarra dan, il-Qorti tirrileva li,

[13] Artt. 5 u 6 tal-Kap 16
[14] Dok "RT12", f'paġ. 55 tal-atti

safejn il-pretensjoni tal-eżekutanti tirrigwarda l-manteniment għall-bint il-partijiet, u meħud b'qies l-eta' żgħira tagħha, hija ħaġa ċerta li l-obbligu tal-manteniment fil-konfront tagħha se' jtul għal wisq iżjed minn ħames snin;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li għadhom kemm saru, madankollu, li wieħed kellu jieħu b'kejl l-ammont ta' manteniment "miftiehem" li bħalissa l-eżekutat qiegħed jgħaddi lill-eżekutanti, l-ammont imsemmi fil-mandat ma jistax jitħalla kif inhu. Wara l-kalkoli meħtieġa, l-Qorti jidhrilha li s-somma kawtelata bil-Mandat trid titnaqqas b'nofs, għal tmienja u erbgħin elf euro (€ 48,000);

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tilqa' limitatament l-ewwel u t-tielet talbiet tal-eżekutat billi tħassar f'parti minnu biss l-istess Mandat u tordna li l-Mandat ikun limitat għas-somma ta' tmienja u erbgħin elf euro (€ 48,000) fuq is-saħħa ta' din il-kawżali;

Ċ) <u>Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed</u> [Art. 836(1)(e)]. Il-Qorti terġa' ttenni l-fehmiet tagħha dwar dak li ssemma fil-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(ċ);

B) Illi, madankollu, l-eżekutat ressaq fit-**tielet talba** tiegħu talba oħra, u jiġifieri li l-Qorti taċċetta li, minflok il-Mandat, l-istess eżekutat jintrabat lejn l-eżekutanti b'ipoteka ġenerali jew speċjali fuq il-ġid partikolari tiegħu, preċiżament id-dar taż-żwieġ. L-eżekutat jgħid li l-ġid li qiegħed joffri lill-intimata eżekutanti biex fuqu tinkiteb l-ipoteka speċjali huwa ġid li jiswa biżżejjed biex jagħtiha garanzija tajba dwar il-pretensjoni tagħha kontrih;

Illi l-eżekutanti tgħid li jekk u meta l-eżekutat żewġha jiskrivi l-ipoteka, tkun f'qagħda tara jekk tibqax tinsisti jew le fuq iż-żamma fis-seħħ tal-Mandat;

Illi, madankollu, hemm il-kwestjoni li sallum l-eżekutat naqas li jgħid jekk hemmx ipoteki oħra reġistrati fuq dak il-ġid. Fuq kollox, il-fatt li l-eżekutat qiegħed joffri li jiskrivi l-ipoteka (li għad mhux imfisser jekk hijiex biss waħda ġenerali jew hijiex ser tkun waħda speċjali) juri li l-garanzija għadha mhix attwali imma biss potenzjali u għalhekk tonqos fl-offerta dik l-attwalita' li ssemmiet aktar qabel. Naturalment, ma hemm xejn x'iżomm lill-partijiet milli **bi ftehim** milħuq bejniethom jaslu f'arranġament dwar din is-sura ta' garanzija. Il-Qorti ma tistax timponih fi proċedura bħal din (kif l-eżekutat donnu jidher li jrid bl-imsemmija tielet talba tiegħu) li hija maħsuba biss biex tqis jekk għandhiex jew le tħassar, f'kollox jew f'parti, l-effetti ta' Mandat kawtelatorju;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ma ngħatatx raġuni tajba biżżejjed mill-eżekutat biex tħassar il-Mandat taħt din il-kawżali;

Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax tikkonsidra t-tħassir tal-Mandat lanqas fuq din il-kawżali;

D) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena fuq il-fatt li ssemma aktar 'il fuq fil-kawżali taħt l-ittra (B). Jekk inhu hekk, ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Mandat jixraq li jitħassar;

Illi din il-Qorti terġa' ttenni li f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhiex jedd għall-ħlas ta' manteniment jew likwidazzjoni fl-ammont minnhom pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[15]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta'

[15] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[16]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi l-eżekutat naqas li juri li r-raġunijiet ewlenin li jġib 'il quddiem taħt din il-kawżali kienu raġunijiet li tnisslu wara li nħareġ il-Mandat. Għall-kuntrarju, jidher li l-imsemmija raġunijiet kienu diġa' jeżistu qabel tali ħruġ u d-deċiżjoni tal-Qorti li tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat kienet waħda "raġonevoli" fl-istess ċirkostanzi li l-eżekutati jinsabu fiha llum, ħlief għal dak li jirrigwarda l-ammont tal-Mandat li ma setax ikun magħruf qabel ma l-Qorti rat il-provi dokumentali mehmuża fl-atti ta' din il-proċedura;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent eżekutat seħħlu jagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ ir-rimedji l-oħrajn mitluba mir-rikorrent eżekutat, jixraq li tqis it-**tieni talba tiegħu**. B'din huwa jrid li l-Mandat jitħassar safejn jirrigwarda d-dħul tiegħu mill-impieg. Kif ingħad, waħda mis-sekwestratarji tal-Mandat hija l-kumpannija li magħha l-eżekutat huwa impjegat;

[16] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

Illi huwa tabilħaqq minnu li, bħala regola, l-liġi tagħraf li ma jistax jinħareġ Mandat ta' Sekwestru fuq is-salarju jew il-paga ta' persuna[17]. Madankollu, għal dik ir-regola ssib l-eċċezzjoni fil-każ fejn il-Mandat ikun inħareġ sewwasew b'ħarsien tal-obbligu tad-debitur eżekutat għall-ħlas tal-manteniment[18];

Illi l-Qorti tqis li s-sekwestratarja Methode Electronics Malta Limted għadha sallum ma iddikjaratx fl-atti tal-Mandat innifsu jekk kemm-il darba żammitx tassew flejjes tal-eżekutat bis-saħħa tat-talba li saritilha mal-Mandat. Iżda jekk hija obdiet l-ordni fil-Mandat u b'xi mod (li ma jirriżultax lil din il-Qorti mill-atti li għandha quddiemha) li hija għaddiet biex tiddepożita taħt l-awtorita' tal-Qorti xi somom miżmuma mill-paga jew salarju tal-impjegat tagħha, ma jżommha xejn milli tħares id-dispożizzjonijiet tal-ewwel *proviso* tal-artikolu 382(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u żżomm l-ammont preskritt mill-effetti tal-Mandat u tgħaddih lill-eżekutat biex ikollu biex iħares u jmantni lilu nnifsu;

Illi dan, madankollu, ma jwassalx għal raġuni tajba biex il-Qorti tordna t-tħassir tal-Mandat;

Illi r-rikorrent eżekutat talab ukoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talab l-ewwelnett it-tqegħid min-naħa tal-intimata eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrent jista' juri li sejjer iġarrab minħabba l-Mandat[19]; u talab ukoll il-kundanna tal-istess intimata għall-ħlas ta' penali[20]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi dwar il-<u>kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimata eżekutanti</u>. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent eżekutat isemmi bħala bażi ta' din it-talba tiegħu (il-

[17] Art. 381(1)(a) tal-Kap 12
[18] Art. 381(2) tal-Kap 12
[19] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[20] Taħt l-art. 836(8)(d) tal-Kap 12

**ħames talba**) n-nuqqas ta’ kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas tal-penali;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat taħt l-artikolu 836(1), u anzi jista’ jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b’xi mod għadu fis-seħħ[21]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba’ kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn. Il-Qorti ma jidhrilhiex li t-talba taħt l-artikolu 838A hija tajba biex tagħmel tajjeb għal meta ma tintlaqax talba taħt l-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera “kawża ġusta” biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta’ Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala “kawża ġusta” għall-finijiet ta’ dan l-artikolu[22]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista’ jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[23], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta’ penali u lanqas għad-danni[24] minħabba l-istess Mandat;

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li f’dan il-każ ma ntwera li hemm l-ebda raġuni ġusta li twassalha biex torbot lill-eżekutanti intimata biex tressaq

[21] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[22] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[23] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[24] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

il-garanzija mitluba mir-rikorrent eżekutat. Dan jingħad lil hinn mill-fatt li l-Qorti laqgħet limitatament it-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat billi baxxiet b'nofs is-somma kawtelata bl-istess att ġudizzjarju;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[25];

Illi dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[26]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent isejjes it-talba tiegħu fuq tliet ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8) u jiġifieri li l-eżekutanti naqset li tiġġustifika li l-Mandat kellu jinħareġ jew li, fil-ħmistax-il jum ta' qabel ma talbu l-ħruġ tal-Mandat, naqset li tinterpellah għall-ħlas [836(8)(b)]; li ċ-ċirkostanzi tad-debitur eżekutat ma jurux dubju raġonevoli ta' stat ta' likwidita' jew dwar il-fakultajiet finanzjarji tiegħu [836(8)(ċ)]; u li l-Mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv [836(8)(d)];

---

[25] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[26] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[27], u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent eżekutat ma weriex li huwa talab lill-eżekutanti tneħħi l-Mandat qabel ma fetaħ din il-proċedura. Lanqas ma wera (għaliex l-allegazzjoni saret minnu) li fi żmien ħmistax-il jum qabel inħareġ il-Mandat, l-eżekutanti ma kenitx "b'xi mod" talbitu jħallas il-manteniment. Għall-kuntrarju, jidher li l-ħruġ min-naħa tiegħu taċ-*cheque* fit-22 ta' Frar, 2014, ma kienx egħmil spontanju, imma r-riżultat ta' talba min-naħa tal-eżekutanti. Min-naħa l-oħra, l-eżekutanti wriet li ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat kienet ġustifikata għaliex ma jidhirx li l-pretensjoni tagħha dwar il-proċeduri mnedija tal-medjazzjoni hija b'xi mod ieħor kawtelata;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, il-Qorti tqis li r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova jew argument li minnhom l-eżekutanti ntwera li messha ma kellha l-ebda dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tal-istess rikorrenti. Għall-finijiet ta' din il-kawżali, l-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. Għall-kuntrarju, jekk il-Qorti kellha toqgħod fuq is-sottomissjonijiet infushom tal-eżekutat, issib li l-istess eżekutat jisħaq fuq il-qagħda finanzjarja mwiegħra tiegħu, fejn jgħid li qiegħed ikollu jdur għall-għajnuna ta' ħbiebu biex ikollu biex jgħix[28];

[27] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)
[28] Ara par. 24 – 26 tar-rikors promotur

Illi dwar it-tielet ċirkostanza, ir-rikorrent jibni din fuq l-allegazzjoni li l-ħażen tal-intimata eżekutanti li talbet il-ħruġ tal-Mandat b'ħażen u b'kattiverja. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimata eżekutanti kellha raġunijiet tajbin biżżejjed biex titlob il-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li ddejjaq lir-rikorrent eżekutat;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt l-ebda waħda mill-kawżali msemmija. Min-naħa l-oħra, ma jista' jingħad bl-ebda mod li r-raġunijiet li fuqhom intalab il-ħruġ tal-Mandat mertu ta' dan ir-rikors kienu fiergħa;

Illi għalhekk il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi l-kundanna għall-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[29]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[30];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent eżekutat Roberto Tiscio billi:

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba** tiegħu għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi tħassar f'parti l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru u tillimita s-somma kawtelata għal tmienja u erbgħin elf euro (€ 48,000), iżda tiċħad il-bqija tal-ewwel talba għat-tħassir għal kollox tal-istess Mandat;

---

[29] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[30] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

**Tiċħad it-tieni talba** għaliex m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, iżda tidderieġi lis-sekwestratarja Methode Electronics Malta Limited li tirregola ruħha skond id-dispożizzjonijiet tal-ewwel *proviso* tal-artikolu 382(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tiċħad it-tielet talba**;

**Tiċħad ir-raba' talba** billi ma ngħatat l-ebda raġuni tajba għaliex il-Qorti għandha tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi;

**Tiċħad il-ħames talba** billi ma tirriżultax mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt u li tista' twassal għall-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas tal-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi; u

Tordna li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mir-rikorrent eżekutat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------